GRAJJIET, DRAWWIET, TIFKIRIET

(Minn Mons. Prof. Arturo Bonnici)

IL-BIEB TAL-BOMBI

It-"Times of Malta" qed iġġib xi ritratti ta' pitturi qodma ta' mkejjen f'Malta u tikkonfronthom mar-ritratti tal-istess imkejjen meħudin il-lum. Idea sabiħa li ġiet imfaħħra ħafna! Hadna gost nisimgħu li dawk ir-ritratti sejrin jinġabru fi ktieb wieħed. J'alla ma jkunx għali wisq, biex jista' jixtrieħ kulħadd.

Fost ir-ritratti li dehru s'issa, b'nota qasira taħthom, kien hemm dik tal-Bieb tal-Bombi, ġos-swar, kif kien għall-bidu fi żmien l-Ordni; u kif inhu l-lum, irduppjat u maqtugħ mis-swar. Imma, aħna x-xjuħ niftakru dak il-Bieb, irduppjat iva, iżda għadu marbut mas-swar.

L-EWWEL BIEB

Nibdew bil-Bieb ewlieni. Dan kien wieħed biss fis-swar, u minnu kienu jidħlu dawk li ġejjin min-naħa tal-Ħamrun. Is-swar kienu mdawra b'foss, bħalma naraw f'Putirjal, u wieħed kien jista' [illegible] mill-Bieb bis-saħħa ta' pont.

Il-Granmastru Antoine de Paule (1623-36)) ried isaħħaħ il-Belt Valletta, ħalli jagħti kenn tajjeb lil dawk li jgħixu fiha u 'l ħwejjiġhom, għalhekk ried jestendi l-fortifikazzjonijiet tagħha. Dan sar billi nbnew is-swar tal-Furjana mill-Inġinier Pietru Pawlu Floriani. Il-bini nbeda fl-1636 u ssokta taħt il-Granmastru Jean Paul Lascaris (1636-57), b'xi tibdil fil-pjanti mill-Inġinier l-ieħor il-Ġeneral Ġwanni Medici. Fl-1670, meta kien Granmastru Nikola Cotoner, l-Inġinier Mawrizju Valperga ħa f'idejh l-issuktar tal-bini ta' dawk il-fortifikazzjonijiet. Wara l-parir tal-espert militari Karl von Grunenberg, ġew aktar imsaħħin fl-1687, bl-ordni tal-Granmastru Gregorio Carafa.

Il-Bieb li semmejna kien jifforma parti minn dawk il-fortifikazzjonijiet, kif għidna, kien bieb wieħed u minnu biss kienu jgħaddu n-nies, il-bhejjem u t-traffiku, bħalma naraw jiġri l-lum fid-dħul għall-Imdina.

L-ARMA TA' PERELLOS

Fl-arkata tal-Bieb kien hemm data b'ittri rumani A.D. MDCCXXI (li tfisser fis-sena 1721). Għalkemm, ki jidher minn dik is-sena, il-Biex infetaħ fi żmien il-Granmastru Marc'Antonio Zondadari (1720-22), il-Bieb sar bl-ordni tal-Granmastru Ramon Perellos (1697-1720). Dan jidher ċar mill-arma ta' Perellos li kien hemm fuq nofs dak il-bieb ta' dari u li hemm fuq nofs iż-żewġ bibien tal-lum. Il-Bieb kellu ma' kull ġenb żewġ nofs kolonni bl-arma ta' Perellos imnaqqxa fuqhom u ornament bi bnadar u armi ta' gwerra fit-truf tiegħu.

BIEB GĦAN-NIES

U GĦALL-MOGĦOŻ

Maż-żmien, dak il-Bieb waħdani għad-dħul u l-ħruġ, sija għan-nies, kif ukoll għat-traffiku, beda jinħass ċkejken u dejjaq. Għalhekk il-Gvernatur Sir Patrick Grant ordna li jingħaqad miegħu Bieb ieħor. Dan ġie mqabbel miegħu fid-disinn mill-Kaptan Durnford tar-Royal Engineers. Iż-żewġt ibwieb, il-qadim u l-ġdid, tħallew għat-traffiku, filwaqt li, skond il-pjanta, infetħu żewġ bibien oħra ċkejknin bejn il-kolonni għan-nies u . . . għall-mogħoż. Qalli Dun Fortunat Cachia li, meta s-seminaristi li għadhom ma ħadux is-suttana kienu jridu jaqsmu mill-Furjana għall-Blata l-Bajda, biex ma jiltaqgħux ma' mogħoż li jintrassu magħhom u jħammġulhom l-ilbiesi bojod tas-sajf, kienu jippreferixxu jgħaddu minn fejn il-lum hemm il-*glacis*. Dawk il-bibien ċkejknin għadhom jidhru sal-lum, għalkemm huma mbarrati. Il-Bieb il-ġdid infetaħ fis-17 ta' Awissu 1868, kif turi d-data li jġib fuqu.

L-ISKRIZZJONIJIET TA' "BRIGHELLA"

Naturalment, biex isir l-akkoppjament taż-żewġ Bibien, kellu jsir xi tibdil fuq l-ewwel wieħed. L-arma ta' Perellos tressqet għal nofs iż-żewġ Bibien, li hu il-post l-iżjed prominenti, u taħtha tnaqqxet l-arma tal-Ordni. Fuq il-Bieb il-ġdid tnaqqxu armi tal-Gran Brittanja. Fuq l-arkati tal-Bibien twaħħlu wkoll żewġ irħamiet bi skrizzjonijiet bil-latin, miktubin mill-magħruf poeta u latinista malti Dun Ġużepp Zammit, imsejjaħ *Brighella*, imħabba gurnalett li kien joħroġ taħt dak l-isem. Fuq il-Bieb il-qadim l-iskrizzjoni tgħid hekk: "Filwaqt li nisielet mat-Torok kullimkien, hawnhekk jien qiegħda żgura". L-iskrizzjoni tal-Bieb il-ġdid, qasira qasira, tgħid li dak il-Bieb infetaħ "għall-kumdita' akbar tan-nies".

IL-BIBIEN MIFRUDIN MIS-SWAR

Għaddew is-snin u, mħabba ż-żieda akbar tat-traffiku, speċjalment wara li bdew jaħdmu l-karrozzi tal-linja, iż-żewġ Bibien, li qabel, kif għidna, kienu magħqudin mas-swar, inqatgħu għal kollox minnhom, biex jitħalla spazju wiesa' mal-ġnub, ħalli t-traffiku jgħaddi minnu wkoll, u biex saret bankina għan-nies. Is-seminaristi issa ma għadx għandhom dak l-inkommodu li semmejt.

Portes des Bombes: hekk wieħed jaqra fuq il-faċċata lixxa li tħares lejn il-Belt. Dak l-isem ifakkarni f'wieħed minn sħabi fil-Liċeo, li konna laqqamnieh PORTES DES BOMBES, għaliex kien jippronunzja dik l-iskrizzjoni kif tinqara bil-malti u mhux kif għandha tinqara bil-franċiż.

"Imma għaliex", dawk li telgħin il-lum jistaqsu, "dak il-Bieb jissejjaħ tal-Bombi?" Aħna x-xjuħ nafu sewwa għaliex: għax niftakru f'dawk iż-żewġ bombi kbar li kien hemm imtellgħin fuq bażijiet għoljin, kwadri u wesgħin fil-ġnub, qabel ma tasal għall-Bieb; bombi li kienu jolqtu l-għajn ta' kull min ikun dieħel min-naħa ta' Blata l-Bajda. Fl-aħħar tibdil li semmejna dawk il-bombi ġew imġerrija fil-ġenb u l-lum wieħed kemm kemm jagħti każ tagħhom.

X'GĦADDA MINNHOM

Kif għedna, dan it-tibdil kollu sar minħabba fiż-żieda tat-traffiku. Fi żmien il-Kavallieri, mill-Bieb ewlieni u waħdieni kienu jgħaddu nies u bgħula, karrettuni bir-raħħala fuqhom, ħafna minnhom biex idaħħlu l-Belt il-ħaxix u l-frottijiet li jkunu qalgħu mill-għelieqi maħdumin minnhom, kif ukoll il-karrozzi bil-parilja tan-nobbli li kienu joħorġu mill-Belt għall-arja tal-kampanja, jew imorru fl-Imdina jew fid-djar tagħhom ġo xi raħal. Minn dak il-Bieb kienu jgħaddu l-Kavallieri fuq iż-żwiemel tagħhom, fil-ħinijiet liberi, il-Granmastru fil-kaless huwa u sejjer Sant'Anton jew fil-Palazz tiegħu ta' Verdala, u l-Isqof għal xi funzjoni reliġjuża fil-Kattidral.

Fi żmenijiet aktar lejna bdew jgħaddu minnhom ukoll il-karrozzini u l-*omnibusijiet*, li bdew servizz għan-nies mill-Belt għal Ħal Lija f'Novembru tal-1865, u servizzi oħra bejn il-Belt u Ħaż-Żebbuġ u San Ġiljan aktar tard.

Jiena niftakar jgħaddi minn taħt dawk il-Bibien it-tram għal Ħamrun, u Ħaż-Żebbuġ, għal Marsa, Raħal Ġdid u Bormla u għal Birkirkara. Mgħandniex xi ngħidu, dawk li kienu ħerġin mill-Belt kienu jgħaddu minn bieb u dawk li deħlin kienu jgħaddu minn ieħor, dejjem iżomm ix-xellug, skond ir-regola ingliża tat-traffiku, li ma taqbilx mal-kontinentali, li tridek dejjem iżżomm mal-lemin.

KOLLOX TBIDDEL

Il-lum ma tarax aktar għaddejjin minn taħt dawk il-Bibien it-tram, l-omnibusijiet, l-irish-cars, u lanqas il-karrozzi parilja, ħlief biex iġorru xi mejjet. U dawn ukoll bdew issa jinqatgħu. Żwiemel bil-karrozzini jgħaddu bit-turisti fuqhom f'xi passiġġata li jeħduhom sal-Ħamrun jew lura mix-xtajta tal-Imsida u tas-Sliema. Żwiemel bir-rikkieba fuq dharhom ma tarax ħlief dawk tal-*mounted police*, għaliex il-Kavallieri tal-lum ma jużawx jirkbu ż-żiemel, iżda jirkbu jew isuqu l-*car* u x'aktarx, bħax-*char-a-bancs* u t-*trucks*, jgħaddu minn mal-ġnub tal-Bibien.

Madankollu, ikun liema jkun it-traffiku u jgħaddi mnejn jgħaddi, dawk il-Bibien qegħdin hemm u għandhom jibqgħu hemm biex isebbħu lil Gżiritna u jfakkruna fil-ġrajjiet glorjużi ta' Missirijietna!



Ritratt tal-Bieb tal-Bombi minn wara meta kien għadu magħqud mas-swar.